



# Sena Speċjali

*Mario Fenech.*



*Din is-sena hija waħda speċjali għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-festa ddedikata lill-Madonna ta' Lourdes li tiġi ċċelebrata fil-lokalita' ta' San Ġwann.*

*Din il-lokalita' hija waħda li żviluppat kif nafuha llum matul dawn l-aħħar sittin sena, bl-akbar wieħed minn dawn l-iżviluppi jkun dak tat-twaqqif tal-parroċċa. Dan ma seħħx b'kumbinazzjoni, iżda seħħ bil-ħidma bla heda tal-patrijiet Kapuċċini, li meta waslu fir-Raħal, li dak iż-żmien kien jissejjaħ bħala l-Imsieraħ, kulma sabu kienu ftit djar u l-kappella magħrufa bħala San Ġwann tal-Għorgħar.*

*Malajr sabu lil ċertu Feliċ Borg bħala benefattur li offrielhom li jibnilhom knisja biex minnha jkunu jistgħu jamministraw il-ħtiġijiet spiritwali tan-nies tal-inħawi.*

*Missieru Ġużu, ħa ħsieb li jibnilhom il-kunvent. Iċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-bini tal-knisja, saret nhar it-13 ta' Diċembru tal-1953. Il-knisja tlestiet u tbierket nhar l-20 ta' Diċembru tal-1959, u ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi nhar l-20 ta' Mejju tal-1962.*

*Il-knisja twaqqfet bħala parroċċa mill-istess arċisqof , Mons. Mikiel Gonzi b'digriet datat nhar il-21 ta' Settembru tal-1965.*

*Sakemm din il-knisja saret parroċċa, il-patrijiet Kapuċċini kienu ħadu ħsieb li jkollhom statwa titulari. Din l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes ġiet ordnata mingħand id-ditta "Perathomer" ta' Bolzano fl-Italja. L-istatwa waslet Malta fis-17 ta' Ġunju tal-1960 u ttieħdet il-Bażilika ta' Sant' Elena f' Birkirkara.*

*L-istatwa titulari damet hemm sat-23 ta' April tas-sena 1961. Dakinhar, wara li tbierket mill-Prepostu tal-Kapitlu Elenjan, Mons. Emanuel Vella, twasslet l-Imsieraħ permezz ta'*



*pellegrinaġġ. Il-benefattur ta' din l-istatwa, Mikiel Sciberras kien Għawdxi u kien ħallas is-somma ta' 106 Liri Maltin għal din l-opra ta' arti.*

*Id-ditta "Perathoner" ħadmet ukoll il-pedestall tal-istatwa. Inħadmet ukoll ir-raġġiera. Hawn, tajjeb li wieħed isemmi li l-injam għaliha ġie mogħti b'xejn mid-ditta "Utility Woodworks", u aktar tard, ir-raġġiera ġiet indurata. L-ispiża għal dan ix-xogħol tal-induratura kienet ta' 100 lira Maltin. Fl-1990, il-pedestall u r-raġġiera ġew indurati għand id-ditta Darmanin tal-Belt. Il-familja Sciberras, li meta kienet waslet l-istatwa, kienet ħadet ħsieb l-ispejjeż tan-niċċa tagħha, ħallset ukoll biex sar dan ix-xogħol.*

*L-istellarju ta' fuq ras il-Madonna, sar minn Emanuel Sciberras tal-Qrendi. Waqt il-jiem tal-festa l-istatwa titulari tal-Madonna ta' Lourdes tintrama taħt pavaljun sabiħ maħdum minn drapp fin, filwaqt li fuq il-bradella jkun hemm sett t'erba' gastri tal-fidda bil-fjuretti tal-ganutell fihom.*

*Dak li bdew il-patrijiet Kapuċċini lura lejn is-snin erbgħin tas-seklu għoxrin, illum il-ġurnata ssarraf f'devozzjoni kbira lejn il-Madonna ta' Lourdes, devozzjoni li tinsab mifruxa ma' kull rokna tal-lokalita' ta' San Ġwann.*

*Il-festa t-tajba lil kulħadd*

VICTOIRE HAIR & NAILS

With more then 13 years of experiance.
International qualified hairdressers and
Nail technician

**J.F. Marks Street, San Gwann SGN 2202. Tel: 2137 8205. Email: vazzopardi07@gmail.com**